

Brussell, 22 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0145(COD)

13157/18
ADD 1

CODEC 1673
DAPIX 315
JAI 1006
COMIX 561
SIRIS 136
VISA 271
EURODAC 25
SCHENGEN 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li dwar diversi punti, il-koleġiżlaturi ddeċidew li jiddevjaw mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, mingħajr ma pprovdew il-ġustifikazzjoni meħtieġa. Dan jirrigwarda b'mod partikolari d-devjazzjonijiet mill-proċedura għall-ħatra u t-tneħħija tad-Direttur Eżekuttiv ta' EU-LISA, li għalihom ma nġhatat l-ebda ġustifikazzjoni u li joħolqu r-riskju li tiġi affettwata l-awtonomija tal-Aġenzija, u għall-estensjoni awtomatika tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha wkoll minħabba d-devjazzjoni mid-Dikjarazzjoni Konġunta fir-rigward tal-proċess għat-twettiq ta' valutazzjoni kumplessiva tal-Aġenzija, li jista' jkun mod ta' interferenza mal-indipendenza tal-Kummissjoni fit-twettiq ta' din l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tikkonsulta l-Bord ta' Tmexxija bħala parti mill-attivitajiet tagħha ta' konsultazzjoni ġenerali mal-partijiet interessati. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt ta' dawn id-devjazzjonijiet fuq il-funzjonament tal-Aġenzija fil-mument opportun. Dawn ma għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal aġenziji oħra.
